**20 ta' April, 1988**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**– President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Victor Caruana *et*

**Provi – Evidenza – Xhud – Ammissibilità ta' Qorti ta' l-Ewwel Grad – Diskussjoni ta' Smigħ Xieraq – Provi dwar Nuqqas ta' Liġi – Protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**

*Appell minn digriet dwar permissibilità ta' xhieda. Il-kawża kienet riferenza mill-Qorti tal-Maġistrati lill-Prim'Awla minħabba allegat ksur tad-dritt ta' "fair hearing" mill-imputati. L-imputati ppretendew li jipproduċu xhieda tendenti biex jipprovaw dak li kien ġara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Prim'Awla ċaħdet tali talba u l-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Ix-xhieda ma kinux meħtieġa biex jixhud dwar punti in kontestazzjoni billi ma kienx hemm kuntrast bejn il-partijiet dwar dak li ġara quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Inolte l-Qorti osservat li f'tali materja d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ma għandhiex tiġi disturbata ħlief għal raġunijiet gravi u meta jkun hemm preġudizzju lill-parti; ħaġa li ma kinitx tissussisti fil-każ preżenti.*

Il-Qorti: –

Rat l-ordni mogħti mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fil-11 ta' April, 1986, li bih il-kwistjoni dwar il-ksur tad-disposizzjoni tas-sub-artikolu (6) ta' l-artikolu 40 (illum 39) tal-Kostituzzjoni ta' Malta fir-rigward ta' Victor Caruana, Joseph Vassallo, Vincent Spiteri u Anthony Carabott ġiet mibgħuta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali skond l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Rat il-verbal tal-proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Sede Kostituzzjonali magħmul fit-13 ta' Mejju, 1986, li minnu jirriżulta illi l-imsemmijin Victor Caruana, Joseph Vassallo, Vincent Spiteri u Anthony Carabott talbu li jressqu diversi xhieda għar-raġuni partikolari li ngħatat għal kull xhud propost li jinstema' u mnejn jirriżulta li l-kawża tħalliet għad-9 ta' Ġunju, 1986 sabiex tingħata deċiżjoni dwar din it-talba;

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla ta' l-Onorabbli Qorti Ċivili fil-ġurisidzzjoni Kostituzzjonali tagħha fid-9 ta' Ġunju 1986, li biha ċaħdet it-talba fuq imsemmija ta' Victor Caruana, Joseph Vassallo, Vincent Spiteri u Anthony Carabott, spejjeż riservati;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmija Victor Caruana, Joseph Vassallo, Vincent Spiteri u Anthony Carabott li bih għar-raġunijiet hemm esposti talbu li din il-Qorti tirrevoka d-digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Ġunju 1986 u minflok tilqa' t-talba għall-produzzjoni tax-xhieda mitluba minnhom u miċħuda bl-istess digriet;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Dan l-appell jirrigwarda deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti li ċaħdet *it-talba għas-smigħ ta' xhieda li r-rikorrenti appellanti riedu* jipproduċu għall-finijiet indikati fil-verbal tas-seduta tat-13 ta'

Mejju 1986. Jidher minn eżami ta' *din id-deċiżjoni li l-ewwel* Qorti ċaħdet l-istess talba billi rriteniet li l-imsemmija xhieda kienu rrilevanti;

Issa hija ġurisprudenza paċifika u kostanti illi l-Qorti tattieni istanza ma tindaħalx fid-diskrezzjoni eżerċitata mill-ewwel Qorti f'dak li jirrigwarda r-regolament tal-provi jekk ma jkunx hemm xi vjolazzjoni tal-liġi u xi preġudizzju għal xi ħadd millkontendenti (Appell Ċivili, Camilleri *noe et vs Sergeant*, 12-11-54, Kollez. Dec. Vol. XXXVIII.I.231; Cuschieri *vs* Zammit Bonett, 17-6-55, Kollez. Dec. Vol. XXXIX.I.228; u Qorti Kostituzzjonali, Scorey *vs* Avellino *noe* 5-5-75 u Spiteri *vs* Avellino *noe*, 5-5-75);

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-atti tal-proċess fid-dawl tassottomissjonijiet magħmula mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tagħhom u ma tarax li dik il-vjolazzjoni u dak il-preġudizzju jissussistu f'dan il-każ;

Għandu jiżdied illi l-imsemmi prinċipju legali kienn ġie wkoll enunċjat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawża Strickland *vs* Critien *proprio et nomine*, 26-4-29 (Kollez. Dec. Vol. XXVII.I.344). F'dik is-sentenza, fejn il-Qorti kienet għamlet riserva għall-imsemmi prinċipju b'dawn il-kliem: "*salva beninteso la facoltà della Corte d'Appello, se adita sul merito, di pronunciarsi diversamente sulla produzione delle prove, ammettendo come rilevanti quelle dalla prima Corte respinte e viceversa*". Il-Qorti, kif illum kostitwita, taqbel ma' dan u għalhekk anke f'dan il-każ tagħmel riserva simili;

Għal dawn il-motivi u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula, il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma

d-digriet appellat, salva r-riserva fuq imsemmija. L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellanti;